MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2005

Numru 22/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**John Camilleri**

**Il-Qorti**:

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-14 ta' Settembru 2004 wara li l-akkuzat issolleva diversi eccezzjonijiet preliminari bin-nota tieghu tal-5 ta' Settembru 2003. Effettivament l-akkuzat issolleva tliet eccezzjonijiet, izda fl-udjenza tal-14 ta' April 2004 huwa,

tramite wiehed mid-difensuri tieghu, irtira t-tieni eccezzjoni, filwaqt li fl-udjenza tas-17 ta' Gunju 2004 huwa rtira wkoll l-ewwel eccezzjoni. Ghalhekk is-sentenza tal-Qorti Kriminali aktar 'l fuq imsemmija tirreferi proprjament ghat-tielet eccezzjoni, ghalkemm dik il-Qorti irriferiet ghaz-zewg eccezzjonijiet l-ohra fil-parti decizjonali tas-sentenza billi semplicement qalet li kienet qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel u tat-tieni eccezzjoni preliminari ta' l-akkuzat stante li dawn kienu gew irtirati minnu.

It-tielet eccezzjoni li dwarha ppronunzjat ruhha l-ewwel Qorti kienet tghid hekk:

***"Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, bl-akbar rispett jinghad li n-nomina tal-esperti PC 516 Alfio Borg, PC 644 Evan Camilleri, PC 956 Andrew Caruana, PC 560 Joseph Farrugia, PC 1525 Patrick Farrugia, PS 282 Pierre Grech, PC 612 Theo Vella, Robert Cardona, Christopher Farrugia u Spizjar Mario Mifsud, ma hijiex konformi mal-ligi;***

***"La darba dawn l-"esperti" huma wkoll membri fil-Korp tal-Pulizija u/jew bi kwalunkwe mod iehor huma dipendenti tal-Kummissarju tal-Pulizija, il-konsegwenza legittima hija, konformement ma' prassi u gurisprudenza ormai stabbilita, li dawn l-"esperti" huma producibbli biss bhala xhieda u jixhdu limitatament dwar fatti li kkonstataw*** **"de visu",** ***u minghajr ma jesprimu opinjonijiet/konkluzzjonijiet*** **qua** ***esperti; u bl-istess limitazzjonijiet huma kolpiti (u f'kaz li jkunu producibbli) ir-relazzjonijiet taghhom;***

***"(Ara f'dan is-sens is-sentenza dwar eccezzjonijiet preliminari tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali [Att ta' Akkuza 13/98] "Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Pollacco", 19.04.2001; Ara wkoll il-provvediment tal-Onorabbli Qorti Kriminali waqt il-guri fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Pollacco", a folio 299 u 300 tal-atti relattivi)."***

L-appell li ghandha din il-Qorti llum quddiemha huwa, ghalhekk, limitat ghal din l-eccezzjoni. Bazikament l-appellant – akkuzat quddiem l-ewwel Qorti – qed ighid li l-persuni hawn aktar 'l fuq indikati minnu jistghu jixhdu biss dwar il-fatti li jkunu gew a konoxxjenza taghhom, izda ma jistghux jippronunzjaw opinjoni kif kjarament jista' jaghmel espert, ossia perit, nominat mill-Qorti.

Kif digà nghad, il-Qorti Kriminali ppronunzjat ruhha dwar din l-eccezzjoni fis-sentenza taghha tal-14 ta' Settembru 2004. Il-Qorti Kriminali irrespingiet din l-eccezzjoni (it-tielet eccezzjoni ta' l-akkuzat), u dan wara li kkunsidrat is-segwenti:

"Ikkonsidrat ;

"Illi fil-kors tat-trattazzjoni orali l-abbli difensur tal-akkuzat issottometta li, kif irrizulta mix-xhieda ta' Alexander Mizzi, l-Ispizjar Mario Mifsud, Chris Farrugia u Robert Cardona, kienu dipendenti tal-Kummissarju tal-Pulizija. Issottometta wkoll li l-fatt li l-akkuzat ma oggezzjonax ghad-depozizzjoni w  r-relazzjonijiet taghhom fil-kors tal-kumpilazzjoni b'ebda mod ma kien jippregudika d-dritt tieghu li jaghmel eccezzjonijiet skond l-artikolu 438 u 449 tal-Kodici Kriminali;

"Illi l-Proskuzzjoni ddikjarat li ghalkemm hu minnu li jekk l-esperti jkunu dipendenti fuq xi parti ma setghux ikunu esperti, mill-banda l-ohra jkun assurd li semplicement ghax espert ikun taht l-ordnijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija, ma jkunx jista' jservi ta' espert tal-Qorti, ghaliex ladarba l-esperti jigu mahtura mill-Qorti, dawn ikunu dipendenti biss fuq il-Qorti. Umbaghad ladarba ma saret ebda oggezzjoni ghall-hatra taghhom bhala esperti w ghad-depozizzjoni w r-relazzjoni taghhom quddiem il-Qorti tal-Magistrati, fil-kors tal-kumpilazzjoni, dan ma kienx gust li jsir f' dan l-istadju.

"Ikkonsidrat;

"Illi ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li x-xhieda PC 516 Alfio Borg , PC 644 Evan Camilleri, PC 956 Andrew

Caruana , PC 560 Joseph Farrugia , PC 1525 Patrick Farrugia , PS 282 Pierre Grech u PC 612 Theo Vella huma membri tal-Korp tal-Pulizija. Illi umbaghad mix-xhieda ta’ Alexander Mizzi, Assistant Principal fl-Accounts Section tal-Police Department, irrizulta li Robert Cardona, Para-medical Officer, Christopher Farrugia, Scientific Officer u Mario Mifsud, Pharmacist, kollha kienu pajzana pero` kienu jithallsu mill-vot tal-Pulizija w li l-Head of Department fir-rigward taghhom kien il-Kummissarju tal-Pulizija.

“Dan fil-fehma ta’ din il-Qorti kien jirrendihom dipendenti mill-Kummissarju tal-Pulizija .

“Ikkonsidrat ;

“Illi kwistjoni simili ghal dik taht ezami giet deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fir-rikors kostituzzjonali **“Nicholas Ellul vs. Kummissarju tal-Pulizija**” [22.5.1991], (Kollezz. Vol. LXXV, I. p.240) fejn si trattava ta’ oggezzjoni ghan-nomina mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-kors tal-kumpilazzjoni tal-esperti ballistici, li tnejn minnhom kienu membri tal-Korp tal-Pulizija w l-iehor kien membru tal-forzi armati, liema esperti kienu gew nominati waqt l-inkjesta w wara gew konfermati bhala esperti fil-kumpilazzjoni kontra Ellul. Fis-sentenza taghha tat-18 ta’ Marzu, 1991, li wara giet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali, l-Prim’ Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) kienet irriteniet fir-rigward taz-zewg esperti Pulizija li :-

“*“…ma hemmx dubbju li ufficjal tal-Pulizija huwa subaltern tal-Kummissarju tal-Pulizija li huwa l-parti kuntrarja fil-process kriminali u li huwa direttament responsabbli ghat-tmexxija tal-prosekuzzjoni. Hu veru li bin-nomina taghhom, il-persuni nominati ma jibqghux periti ex parte, la tal-prosekuzzjoni u lanqas tad-difiza , imma jsiru esperti tal-Qorti . Pero’ , fid-dawl tal-principju – kull tant abbuzat – li l-gustizja mhux biss ghandha ssir, imma ghandha ukoll tidher li qed issir – din il-Qorti jidhrilha li mhux konducenti ghal smiegh xieraq li jigu nominati fil-proceduri kriminali*

*esperti li mhux biss ghandhom konnessjoni mill-qrib mall-prosekuzzjoni, imma fil-fatt huma dipendenti taghha."*

"Dik il-Qorti pero` ziedet tghid ukoll li :-

"*"Il-Qorti taghmilha cara illi l-oggezzjoni tad-difiza fir-rigward tan-nomina ta' dawn iz-zewg ufficjali, hi valida* _biss_ *in kwantu tirriferi ghall-opinjonijiet esperti teknici minnhom riferiti. Dan bl-ebda mod ma jimpedihom milli jkunu xhieda kompetenti tal-fatti u tal-kostatazzjonijiet materjali li huma rriskontraw waqt l-investigazzjoni u l-inkjesta."*

"Illi dan l-insenjament gie segwit mill-istess Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha "**Il-Pulizija vs. Longinu Aquilina"** [23.1.1992] (Kollezz LXXVI, I. p.23) fejn dik il-Qorti kkonfermat sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) tal-14 t' Awwissu, 1991 dwar riferenza kostituzzjonali li kienet saritilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja. Fis-sentenza taghha il-Prim' Awla kienet irriteniet li Digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istuttorja fejn ikkonfermat fin-nomina moghtija lilhom mill-Magistrat Inkwirenti , lill-esperti <u>tal-'fingerprints</u>' mill-Korp tal-Pulizija kien imur kontra l-Kostituzzjoni w kontra l-Konvenzjoni Ewropeja. Dik il-Qorti kienet ukoll iddecidiet li dawk l-ufficjali tal-Pulizija kienu xhieda kompetenti biex jixhdu dwar il-fatti u r-rizultanzi li rrizultawlhom waqt l-indagni taghhom – anki waqt li kienu qed jespletaw l-inkarigu lilhom moghti w li dwar dawk il-fatti huma setghu jiddeponu u r-rapporti minnhom prezentati, in kwantu jelenkaw u jirraportaw dawn il-fatti, huma ammissibbli kif ukoll kienu ammissibbli ukoll l-impronti tas-swaba mehuda minnhom . Pero' kellkom jigu sfilzati minn dawn ir-rapporti kull opinjoni esperta – komparattiva jew xort' ohra – li l-istess ufficjali nkludew  fir-relazzjonijiet taghhom. Il-Qorti kienet qalet ukoll li :-

"*"Tali gudizzju espert ghandu fl-iskorta tal-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali, jigi avdat f'idejn esperti nominati mill-Qorti li ma jkunux dipendenti mill-Kummissarju tal-Pulizija*

*li hu ultimament responsabbli ghall-investigazzjoni tar-reat u t-tmexxija tal-prosekuzzjoni kontra l-persuna akkuzata.”*

“Il-Qorti Kostituzzjonali, meta kkonfermat is-sentenza tal-Prim’ Awla, osservat illi f’dak il-kaz :-

“*“…l-esperti – ufficjali tal-Pulizija – matul il-procedura kollha – mil-bidu tal-kumpilazzjoni sas-sentenza definittiva – ikunu, inevitabbilment u necessarjament, f’kuntatt kontinwu ma’ l-appellant, kif huwa naturali u normali li ghandu jkun, biex jistghu jaghtu s-servizz taghhom, kif ghandu jaghmel kull min lealment huwa marbut li jaghti servizz, kull min huwa impjegat f’ dak is-servizz.”*

“Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Kolleggjali) esprimiet ruha dwar din il-kwistjoni fis-sentenza taghha dwar l-eccezzjonijiet preliminari fil-kawza “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Mario Pollacco”** [19.4.2001] u dak hemm deciz kien gie ukoll segwit u esegwit minn din il-Qorti kif illum preseduta fil-kors tal-guri fl-istess ismijiet (fols. 299 u 300)

“Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Kolleggjali) ukoll kellha okkazzjoni li tesprimi ruha fuq din il-materja fis-sentenza taghha fil-kawza “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Joseph Lebrun.”** [2.10.1997] (Kollez. Vol. LXXXI, IV. P. 76), meta rriformat sentenza ta’ din il-Qorti diversament preseduta li*, inter alia*, cahdet eccezzjoni li kienet titlob l-isfilz ta’ relazzjoni ta’ espert li kien, fiz-zmien relattiv, jiddependi mill-Korp tal-Pulizija. Pero`, kif ben osservat il-Prosekuzzjoni fil-kors tat-trattazzjoni w fin-nota taghha fuq riferita, il-Qorti tal-Appell Kriminali rrevokat dik il-parti tas-sentenza ta’ din il-Qorti biss ghaliex irrizultalha li, bhala fatt, l-akkuzat, fil-kors tal-kumpilazzjoni, **kien effettivament oggezzjona** ghan-nomina tal-espert u mhux kif kienet irriteniet din il-Qorti li hu ma kienx oppona ghan-nomini .

“Il-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz qed targumenta “*a contrario sensu*” li, ladarba l-akkuzat ma kienx ghamel ebda oggezzjoni ghan-nomini u konferma tan-nomini tal-esperti tal-inkjesta fil-kors kollu tal-kumpilazzjoni – haga li mhux

kontestata – allura l-eccezzjoni tieghu mhux sostjenibbli f'dan l-istadju.

"Illi appropozitu, l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha **"Il-Pulizija vs. Joseph Harrington et."** [31.7.1996] kienet irrieniet li dan id-dritt tal-akkuzat li jittutela d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq ghandu jigi arginat bil-parametri ta' zmien meta jista jigi ezercitat u m'ghandux jintuza bhala tattika tad-difiza biex jigi menomat il-process kriminali. Ghalhekk, meta laqghet appell tal-Kummissarju tal-Pulizija minn sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fejn dik l-ewwel Qorti kienet iddisponiet minn riferenza kostituzzjonali li kienet saritilha mill-Qorti tal-Magistrati billi ddecidiet li n-nomina ta' Dr. Abela Medici w esperti ohra li kienu membri tal-Korp tal-Pulizija bhala esperti kienet tilledi d-dritt fondamentali tal-akkuzat ghall-smiegh xieraq imhares bl-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u minnflok iddecidiet li ma kienx hemm lezzjoni ta' tali drittijiet fondamentali, il-Qorti Kostituzzjonali qalet :-

"*"Il-Kummissarju tal-Pulizija jissottometti li l-pozizzjoni sas-sentenza tal-ewwel Qorti kienet li jekk persuna imputata trid toggezzjona ghal xi espert, dan ghandha taghmlu fl-ewwel okkazzjoni li jkollha u mhux thalli iz-zmien jghaddi u meta jidhrilha toggezzjona. Dan kien dak li kien gie ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Dicembru, 1990 fl-ismijiet "Joseph Abela vs. Onor. Prim Ministru et" u fil-kaz odjern ebda oggezzjoni ma saret u l-esperti thallew jixhdu u jirrelataw. Dan ma kienx accettabbli……"*

"*"In fatti fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li ma jidhirx li hu l-kaz illi taghmel eccezzjonijiet ghal dak li kienet iddecidiet fis-sentenza taghha imsemmija tas-7 ta' Dicembru, 1990, "Joseph Abela vs. Onor. Prim Ministru et" u cioe` illi una volta min iressaq l-ilment kellu kull opportunita' iressqu billi jopponi dawk in-nomini ghax il-persuni nominati setghu jigu minnu rikuzati u ma jkunx ghamel uzu mill-mezz tal-possibbli rimedju li tatih il-ligi ordinarja kontra dak li minnu qed jilmenta, ma jistax umbaghad, wara li jhalli l-proceduri mexjin sakemm kwazi ikunu waslu fl-ahhar,*

*jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali minghajr ma jkun qieghed juri b'daqshekk dik in-nonkuranza w nuqqas ta' vigilanza tad-drittijiet fondamentali li l-Qorti tinghata d-diskrezzjoni li tiggudika li ma jkunx haqqu tutela ta' dak id-dritt in kwantu issa l-Qorti ikollha d-dover li tittutela drittijiet ohra generali u daqstant iehor fondamentali."*

"*"Kif jemergi minn dik is-sentenza ghalhekk , una volta , jirrizulta illi l-appellat, wara n-nomina ta' Dr. Abela Medici u l-persuni l-ohra imsemmija fis-sentenza appellata baqa' inadempjenti, anzi halla lill-istess esperti essenzjalment jespletaw l-inkarigu lilhom moghti , qabel ma ddecieda li jitlob ir-rimedju kostituzzjonali , jinnewtralizza kull dritt, si et quatenus,  li seta' qatt kellu illi jirmexxi fil-lament kostituzzjonali tieghu. Fi kliem iehor, fit-termini tas-sentenza ta' din il-Qorti li giet citata u li ghaliha saret riferenza, fin-nonkuranza tal-appellanti, jemergu drittijiet ohra ta' indoli generali u daqstant iehor fondamentali u cioe` li jigu prezervati l-atti u l-proceduri li hu dover ta din il-Qorti li tittutela. Altrimenti tkun qed tithalla tigi kkrejata sistema assurda u abbuziva , fejn il-process kriminali   li jkun ha l-kors kollu tieghu jew kwazi , jigi menomat b' tattici dilungatorji fuq il-pretest tal-allegat ksur tad-drittijiet, meta l-istess allegazzjonijiet setghu isiru tempestivament minghajr pregudizzju gravi ghall-istess process u b'tutela vera tad-drittijiet fondamentali."*

"Illi fil-fehma ta' din il-Qorti din id-decizjoni toffri s-soluzzjoni gusta w ekwa ghall-kwistjoni quddiem din il-Qorti ghax , wara kollox, kif irriteniet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza ta' Nicholas Ellul fuq citata , ghalkemm hu minnu li l-akkuzat ghandu dritt ghal smiegh xieraq, izda dan is-smiegh xieraq , waqt li jipprotegi l-prezunta innocenza tal-akkuzat, ghandu ukoll ikun 'fair' mas-socjeta` li tkun giet oltraggata bid-delitt. Il-Qorti tifhem li ma tistax u ma ghandhiex tinfatam mir-realtajiet tas-socjeta` li fiha topera, u li ghalhekk irid jinholoq bilanc gust bejn l-interess suprem tal-Gustizzja u l-interessi tas-Socjeta` li tipprotegi ruhha kontra r-reati ta' certa gravita`. Fl-ispirtu ta' dan l-insenjament, din il-Qorti thoss li bil-fatt li l-akkuzat f'ebda stadju tal-kumpilazzjoni ma kien qajjem xi forma ta' oggezzjoni ghan-nomina tal-

persuni msemmija fl-eccezzjoni tieghu, hu gie akkwiexxa ghan-nomina taghhom u ergo gie tilef id-dritt li jaghmel dan f'dan l-istadju hekk inoltrat tal-process.

"Wara kollox il-gurisprudenza minnu issa invokata kienet ilha tezisti madwar ghaxar snin u kienet ben nota w ma kien hemm xejn x' izommu li, mill-ewwel stadji tal-process joggezzjona formalment ghan-nomini tal-esperti li issa qed jikkontesta l-validita` taghhom. Di fatti, mill-ezami tal-atti processwali, jidher li l-akkuzat, ghalkemm kien dejjem abilment assistit minn "team" ta' difiza tul il-kors kollu tal-kumpilazzjoni u, minkejja li d-difensuri tieghu kienu kontinwament u regolarment jaghmlu talbiet fuq haga jew fuq ohra quddiem il-Qorti tal-Magistrati, dawn qatt ma lissnu l-icken oggezzjoni ghan-nomini, depozizzjonijiet jew relazzjonijiet tal-esperti tal-inkjesta li umbaghad gew konfermati bhala esperti fil-kors tal-kumpilazzjoni. Mhux hekk biss imma donnu tant jidher li ma kienx hemm opozzizzjoni ghalihom mid-difiza li, f'okkazzjoni minnhom, ( a fol. 97 ) wiehed mill-avukati difensuri sahansitra talab li waqt l-access li kellu jsir "*ikun prezenti **xi hadd mill-Forensika** sabiex jigbed video recording tal-post ….".*Jekk minhabba nonkuranza jew – kif inhu x'aktarx – minnhabba xi tattika difensjonali, l-akkuzat ghazel li joqghod sieket u jhalli l-kumpilazzjoni tinghalaq bla ma jirrikorri ghar-rimedju ordinarju li indubbjament kellu ghad-dispozizzjoni tieghu, issa ma jistax jissolleva tali eccezzjoni fil-bidu tal-process quddiem din il-Qorti li, wara kollox, mhu xejn hlief il-kontinwazzjoni naturali tal-process kriminali li inbeda bil-kumpilazzjoni kontra l-akkuzat."

L-akkuzat appella minn din id-decizjoni. Huwa jikkontendi, bazikament, li irrispettivament minn jekk huwa oggezzjonax o meno ghan-nomina tal-esperti fil-kors ta' l-istruttorja, galadarba l-esperti in kwistjoni kienu dipendenti mill-Kummissarju tal-Pulizija, dawn setghu jiddeponu biss dwar fatti li kienu rrizultaw lilhom, u li ghalhekk b'ebda mod ma setghu jesprimu opinjoni *qua* esperti. Jikkontendi l-appellant li ghalkemm huwa minnu li fis-sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, tat-2 ta' Ottubru 1997 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Joseph Lebrun*** kien instab li l-appellant, quddiem il-Qorti Istruttorja, kien

effettivament oggezzjona ghan-nomina ta’ diversi esperti (fosthom Dott. Anthony Abela Medici), din il-Qorti, f’dik is-sentenza, kienet esprimiet ruhha fis-sens li *“…ir-relazzjoni ta’ Dr. Anthony Abela Medici ma tistax tkun ammissibbli konsiderando illi fiz-zmien relattiv hu kien jiddependi mill-Kummissarju tal-Pulizija.”* Skond l-appellant, kienet il-prosekuzzjoni li kellha l-obbligu li tara li l-istruttorja ssir sewwa u li n-nomini ikunu konformi ma’ dak li gie deciz kemm minn din il-Qorti kif ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali: *“F’dan il-kuntest l-esponent umilment jirrileva li mhux konformi mar-regoli u l-principji tad-dritt u procedura penali li naslu f’sitwazzjoni fejn waqt il-process ghandha tkun id-difiza li tattira l-attenzjoni tal-prosekuzzjoni; fi kliem iehor ma jsegwix legalment u proceduralment li d-difiza tigi mistennija li tilbes il-libsa tal-prosekuzzjoni u tiehu hsieb hi li jingiebu l-provi kontra il-patrocinat taghha. Id-difiza trid taghmel id-difiza taghha skond il-ligi.”*

Din il-Qorti hi tal-fehma li l-appellant ghandu ragun in parti biss. Ghalkemm il-fatt li akkuzat, jekk ma jaghmilx uzu mir-rimedji ordinarji (bhal ma huwa r-rimedju tar-rikuza ta’ espert li jkun gie nominat[1]), jista’ jitlef id-dritt li jinvoka l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea u li jitlob rimedju taht dawn iz-zewg strumenti – dan jidher li huwa l-veru sens tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta’ **Harrington et**, citata mill-ewwel Qorti[2] – jibqa’ l-fatt li ghall-finijiet tal-proceduri penali tali oggezzjoni fl-istadju ta’ l-istruttorja ma hix mehtiega biex l-akkuzat ikun jista’ jikkampa eccezzjoni preliminari fl-istadju opportun quddiem il-Qorti Kriminali. Bizzejjed jinghata l-ezempju tal-kaz fejn il-mara ta’ l-akkuzat tkun giet ammessa (fl-istruttorja) bhala xhud kontra zewgha f’cirkostanzi meta hi ma tkunx hekk ammissibbli skond il-ligi[3]. Il-fatt li fl-istruttorja l-akkuzat ma jkun lissen ebda oggezzjoni ma jfissirx li ma jistax jeccepixxi l-inamissibilita` ta’ martu bhala xhud fl-imsemmi stadju quddiem il-Qorti Kriminali, jew li tali eccezzjoni tkun tista’ tigi michuda mill-Qorti

---

[1] Artikolu 651 tal-Kodici Kriminali.
[2] Ir-referenza f’din is-sentenza ghad-“dipendenza” ta’ Dott. Anthony Abela Medici mill-Kummissarju tal-Pulizija hija kjarament wahda *obiter*.
[3] Artikolu 635 tal-Kodici Kriminali.

Kriminali ghar-raguni li hu ma jkunx hekk oggezzjoni quddiem il-Qorti Istruttorja.

Fil-fehma tal-Qorti, il-posizzjoni legali korretta in materja tan-nomina ta' membri tal-Korp tal-Pulizija u ta' pajzana li jkunu jahdmu fil-*Forensic Science Laboratory* tal-Korp tal-Pulizija (jew mal-Korp tal-Pulizija, izda dejjem bhala pajzana) kienet giet imfissra mill-Qorti Kriminali kif allura komposta fis-sentenza taghha tal-31 ta' Awissu 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmelo Spiteri**, posizzjoni li giet konfermata *in toto* minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza fl-istess ismijiet tad-19 ta' April 2001 (u ghalhekk wara s-sentenza ta' **Lebrun**). Ghal xi raguni, fil-kawza odjerna, cioe` ta' **John Camilleri**, la l-prosekuzzjoni u anqas id-difiza ma deherilhom li kellhom jattiraw l-attenzjoni tal-Qorti Kriminali ghal din is-sentenza ta' **Spiteri**, ghax kieku ghamlu hekk dik il-Qorti kien ikollha l-vantagg li tikkunsidra wkoll l-aktar pronunzjament recenti ta' din il-Qorti fir-rigward tal-kwistjoni li kellha quddiemha. F'dik is-sentenza tal-31 ta' Awissu 1998, il-Qorti Kriminali kienet enuncjat dawn iz-zewg principji:

**1. li membri tal-Korp tal-Pulizija (i.e. kuntistabblijiet, surgenti u fizzjali) m'ghandhomx jinhatru periti fis-sens ta' l-Artikolu 650 tal-Kap. 9, u li jekk dawn xorta wahda hekk jinhatru, huma jkunu ammissibbli biss bhala xhieda ordinarji, cioe` biex jiddeponu biss fuq il-konstatazzjonijiet ta' fatt minnhom maghmula izda mhux biex jesprimu opinjonijiet *qua* esperti; u**
**2. li Dott. Anthony Abela Medici u, *semble*, pajzana ohra (li ma humiex membri tal-Korp tal-Pulizija), ghalkemm jahdmu fil-*Forensic Science Laboratory* li jinsab fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, kif ukoll membri tal-Forzi Armati ta' Malta, jistghu jigu nominati bhala periti u jiddeponu bhala tali kemm-il darba ma jkunx jirrizulta fil-kaz konkret li huma jkunu, qabel in-nomina taghhom, jew esprimew ruhhom dwar il-htija tal-imputat jew akkuzat li jkun, jew altrimenti, fil-kors ta' xi xoghol li jkunu gew imqabbda jaghmlu minn awtorita` mhux gudizzjarja in**

**konnessjoni mal-*in genere*, ikunu iffurmaw "pre-gudizzju" kontra l-imsemmi imputat jew akkuzat.**

Tajjeb hawnhekk li wiehed jirriproduci r-ragunament kollu li kienu wasslu lil dik il-Qorti – il-Qorti Kriminali kif allura komposta – biex wasslet ghal dawn iz-zewg principji li, kif inghad, gew sussegwentement konfermati *in toto* mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Il-Qorti Kriminali kienet esprimiet ruhha hekk:

"Issa, apparti li l-istruttorja u l-kumpilazzjoni huma l-istess haga, u apparti l-punt akkademiku dwar kemm verament wiehed jista' jitkellem dwar "pulizija gudizzjarja" fil-ligi taghna (specjalment wara l-bidu fis-sehh tal-ligi li llum hija l-Kap. 340), dak li jidher li qed jipprova jghid l-akkuzat hu li l-persuni aktar 'l fuq elenkati ma humiex indipendenti; konsegwentement ma' setghux jigu nominati bhala esperti (periti) u ghalhekk ir-rapporti taghhom ghandhom jigu sfilzati mill-process. Fi kliem iehor, l-akkuzat mhux qed jeccepixxi l-inammissibilita' taghhom bhala xhieda, izda biss l-inammissibilita' tar-rapporti taghhom.

"Kif inhu risaput, fil-Kodici Kriminali persuna tigi mahtura espert meta l-Qorti tkun tal-fehma li ghall-ezami ta' persuna jew ta' haga tkun mehtiega hila jew sengha specjali (Art. 650 (1)). Dak li jikkaratterizza u jiddistingwi x-xhud espert minn xhud li ma jkunx gie nominat espert hu li dak ta' l-ewwel jista' jesprimi l-opinjoni ossia l-fehma tieghu (Art. 656) a rigward ta' l-ezami li jkun ikkonduca, mentri x-xhud li ma jkunx gie hekk nominat irrid bhala regola (u ghalhekk salv certi eccezzjonijiet, bhal, per ezempju, fil-kaz tal-identifikazzjoni ta' oggett jew ta' persuna, il-velocita` li jkun ra vettura ghaddejja biha) jillimita ruhhu ghall-dawk l-affarijiet li jkunu gew a konjizzjoni tieghu permezz ta' wiehed mill-hames sensi.

""The general rule is that witnesses may only give evidence of facts personally percieved and not evidence of opinion, i.e., evidence of inferences drawn from such facts" (Blackstone's Criminal Practice, 1991, p. 1840, para. F10.1).

"Fil-Kodici Kriminali taghna propjament ma hemm xejn li jimpedixxi lil Qorti milli tinnomina bhala espert membru tal-Korp tal-Pulizija. Fl-intendiment tal-legislatur penali l-indipendenza tal-persuna hekk nominata u l-ekwidistanza tieghu mill-partijiet fil-kawza tigi garantita propju bil-fatt li tkun giet nominata mill-Qorti u ma tkunx ingiebet bhala xhud *ex parte*. Izda f'dawn l-ahhar snin kemm il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali, stabbilew certi principji intizi biex filwaqt li jassiguraw il-protezzjoni shiha tad-drittijiet fondamentali tal-akkuzat jigi assigurat ukoll li l-Qrati ma jinfatmux mir-realtajiet tas-socjeta` li fiha joperaw, b'mod li "jinholoq bilanc gust bejn l-interess suprem tal-Gustizzja u l-interess tas-Socjeta` li tipprotegi ruhha kontra reati ta' certa gravita`" (Nicholas Ellul v. Kummissarju tal-Pulizija, Q.Kost., 22/5/91, Vol. LXXV.i.240, 263). Il-Qorti ezaminat bir-reqqa s-segwenti sentenzi: Nicholas Ellul v. Kummissarju tal-Pulizija, *supra*; Il-Pulizija v. Longinu Aquilina, Q.Kost., 23/1/92; Il-Pulizija v. Carmel Camilleri u Therese sive Tessie Agius, Q.Kost., 30/4/93; u Il-Pulizija v. Joseph Harrington u Thomas sive Tommy Baldacchino, Q.Kost., 31/7/96. Minn qari akkurat ta' dawn is-sentenzi johorgu zewg principji li fil-prattika gew segwiti kostantement mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna f'dawn l-ahhar snin, u cioe`:

"(i) li membri tal-Korp tal-Pulizija (i.e. kuntistabblijiet, surgenti u fizzjali) m'ghandhomx jinhatru periti fis-sens ta' l-Art. 650 tal-Kap. 9, u li jekk dawn xorta' wahda hekk jinhatru, huma jkunu ammissibbli biss bhala xhieda ordinarji, cioe' biex jiddeponu biss fuq il-konstatazzjonijiet ta' fatt minnhom maghmula izda mhux biex jesprimu opinjonijiet *qua* esperti; u

"(ii) li Dott. Anthony Abela Medici u, *semble*, pajzana ohra (li ma humiex membri tal-Korp tal-Korp tal-Pulijiza), ghalkemm jahdmu fil-*Forensic Science Laboratory* li jinsab fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, kif ukoll membri tal-Forzi Armati ta' Malta, jistghu jigu nominati bhala periti u jiddeponu bhala tali kemm-il darba ma jkunx jirrisulta fil-kaz konkret li huma jkunu, qabel in-nomina taghhom, jew esprimew ruhhom dwar il-htija tal-imputat jew akkuzat li

jkun, jew altrimenti, fil-kors ta' xi xoghol li jkunu gew imqabbda jaghmlu minn awtorita' mhux gudizzjarja in konnessjoni mal-*in genere*, ikunu iffurmaw "pre-gudizzju" kontra l-insemmi imputat jew akkuzat.

“Din il-Qorti ma tarax li ghandha b'xi mod tiddipartixxi minn dawn iz-zewg principji, li, kif inghad, gew fil-prattika segwiti kostantement mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna f'dawn l-ahhar snin (kif jirrisulta mill-fatt, per ezempju, li Dott. Anthony Abela Medici u Christopher Farrugia xehdu bhala esperti f'ghexieren jekk mhux f'mijiet ta' kawzi minghajr qatt ma kien hemm l-icken dubbju dwar ir-regolarita` tan-nomina taghhom). Il-fatt li dawn il-pajzana jahdmu fil-F.S.L. jew ghandhom "konnessjonijiet" ma' dan il-laboratorju peress li jigu imqabbda ta' spiss mill-magistrati inkwirenti u/jew mill-Qorti Istruttorja, ma jfissirx li dawn ma humiex imparzjali jew indipendenti ghall-finijiet tal-kwistjoni in ezami. Anzi, wiehed jista' jghid li propju ghax jigu appuntati hekk ta' spiss bhala esperti huma ghandhom dik l-esperjenza mehtiega, apparti facilitajiet ta' laboratorju, biex ikunu jistghu iwettqu bl-ahjar mod il-kompitu lilhom assenjat. Kieku kien mod iehor ebda magistrat ma jista' jiggudika f'kawza peress li, bhala magistrat inkwirenti -- fil-kors tal-inkjesti dwar l-*in genere* -- hu ghandu konnessjonijiet mill-qrib hafna mal-Pulizija Ezekuttiva u prattikament ikun qieghed jagixxi ta' investigatur mal-pulizija jew, xi mindaqqiet, minflokhom.

“L-argument, migjub mill-akkuzat fin-nota tieghu tat-2 ta' Lulju, 1998, li dawn l-esperti gew indikati bhala "xhieda" mill-Avukat Generali fin-nota annessa mal-att ta' akkuza, ma hu ta' ebda validita` legali. L-Avukat Generali jindika dawn l-esperti propju fit-termini ta' dak li jipprovdu l-Artikoli 550(3) u 590(2) tal-Kodici Kriminali, u cioe` fil-lista tax-xhieda u bhala xhieda.

“Din il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll li fil-kors ta' l-istruttorja meta kienu qed jigu kkonfermati jew nominati d-diversi esperti, l-akkuzat -- li kien dejjem legalment assistit -- f'ebda hin ma ghamel l-icken oggezzjoni ghal dawn il-konfermi u nomini (ara, per ez., il-verbali tas-16 ta' Lulju, 1996, fol. 446, u dak, rigwardanti Dr. Kamal de Soysa, tat-

13 ta' Mejju, 1997, fol. 717) hlief, b'mod generali u vag hafna u minghajr ma ta ebda ragunijiet ghar-riserva li ghamel, ghan-nomina specifika ta' Dott. Abela Medici u Charles Muscat tal-25 ta' Marzu, 1997 (fol. 642). Bhalma fissret ruhha l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha fil-kaz ta' Harrington (*supra*), huwa ferm ingust u certament mhux konducenti ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja li meta qorti tkun innominat perit, minn ikollu xi oggezzjoni ghal dik in-nomina, flok ma jgib 'l quddiem dik l-oggezzjoni minnufih sabiex il-qorti tkun tista' tikkunsidrha u, jekk ikun il-kaz tappunta lil xi hadd iehor, ihalli kollox ghaddej, imbghad fi stadju inoltrat, meta possibilment lanqas ikun aktar possibbli jew utili li ssir perizja gdida, jivventila l-oggezzjoni tieghu. Kif tajjeb osservat dik il-Qorti fis-sentenza taghha fil-kaz ta' Nicholas Ellul, ghalkemm "akkuzat ghandu dritt ghal smiegh xieraq izda dan is-smiegh xieraq waqt li jipprotegi l-presunta innocenza tal-akkuzat, ghandu wkoll ikun *fair* mas-socjeta' li tkun giet oltraggata bid-delitt" (*ibid.*).”

Fic-cirkostanzi, din il-Qorti tara li jkun superfluwu li jinghad aktar. Jigi precizat biss li z-zewg principji hawn aktar ‘l fuq imfissra – u li issa ser jigu inkorporati fid-*decide* ta’ din is-sentenza – ma huma b’ebda mod in kuntrast ma dak li gie deciz minn din il-Qorti, diversament komposta, fil-kaz ta’ **Pollacco** (decizjoni tad-19 ta’ April 2001, li hija incidentalment l-istess data li fiha nghatat is-sentenza minn din il-Qorti fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Carmelo Spiteri** li, kif inghad, ikkonfermat dak kollu li kienet qalet il-Qorti Kriminali, *supra*).

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell limitatament kif gej, u cioe`:

1. tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta’ l-ewwel eccezzjoni preliminari u tat-tieni eccezzjoni preliminari tal-akkuzat;
2. thassarha u tirrevokaha in kwantu cahdet it-tielet eccezzjoni preliminari tal-akkuzat u minflok tipprovdi illi:
(a) kwantu jirrigwarda l-membri tal-Korp tal-Pulizija Alfio Borg, Evan Camilleri, Andrew Caruana, Joseph Farrugia, Patrick Farrugia, Pierre Grech u Theo

Vella dawna huma ammissibbli biss bhala xiehda ordinarji, u cioe` biex jiddeponu biss fuq il-konstatazzjonijiet ta’ fatt minnhom maghmula izda mhux biex jesprimu opinjonijiet *qua* esperti – u l-istess japplika ghal xi relazzjonijiet li huma talvolta estendew; u
(b) kwantu jirrigwarda lil Robert Cardona, Christopher Farrugia u l-Ispizjar Mario Mifsud dawna jistghu jiddeponu bhala periti ossia esperti – u l-istess japplika ghar-relazzjonijiet li huma talvolta estendew – kemm-il darba ma jkunx jirrizulta lill-ewwel Onorabbli Qorti li fil-kaz konkret huma kienu, qabel in-nomina taghhom, jew esprimew ruhhom dwar il-htija ta’ John Camilleri, jew altrimenti, fil-kors ta’ xi xoghol li kienu gew imqabbda jaghmlu minn awtorita` mhux gudizzjarja in konnessjoni mal-*in genere*, huma iffurmaw xi “pre-gudizzju” kontra l-istess Camilleri, f’liema eventwalita` huma (u r-relazzjonijiet taghhom) jkunu ammissibbli biss bhala xhieda ordinarji bhalma jinghad fil-paragrafu (a), *supra*.

Il-Qorti tordna li l-atti jigu rinvjati lill-ewwel Onorabbli Qorti ghal-kontinwazzjoni skond il-ligi u konformement ma’ dan hawn fuq deciz.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------